2.2. If the selected candidate is a Public Officer, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer, his/her service with the Ministry for Social Policy as well as with Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer, and is, during the contract period, appointed to a grade with a salary scale higher than Scale 5, he/she will be required to relinquish his/her duties of Co-ordinator (Corporate Information Systems) (IMU) and to be transferred to duties pertinent to his/her new grade.

3. The salary attached to the position of Co-ordinator (Corporate Information Systems) (IMU) is equivalent to the maximum of Salary Scale 5 (currently Lm8,798 per annum). The selected candidate will be entitled to a performance bonus up to a maximum of 15% of his/her salary subject to positive performance. In the case that the selected applicant is a public officer, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. The main duties related to this position are the following:

a) Consulting with management to analyse computer systems needs for management information and functional operations, to determine scope and priorities of projects, and to discuss system capacity and equipment acquisitions;

b) Tirrakkomanda u tiżviluppa pjanijiet għall-iżvilupp ta' sistemi u l-operat tagħhom, ix-xiri ta' apparat u ta' *software,* u l-livelli meħtieġa u t-tmexxija tan-nies;

ċ) Timmaniġġja l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, l-istallazzjoni u l-operat tas-sistemi ta' informazzjoni fi ħdan il-Ministeru;

d) Tiżviluppa, timplimenta u tissorvelja l-*policies* u kontrolli dwar sistemi ta' informazzjoni sabiex tiġi żgurata l-eżattezza ta' l-informazzjoni, is-sigurtà u l-infurzar talliġi u r-regolamenti dwar l-informazzjoni;

e) Tinnegozja ma' konsulenti, persuni tekniċi u azjendi li jipprovdu prodotti jew servizzi;

f) Tipprovdi appoġġ lil min iħaddem is-sistemi ta' informazzjoni fl-għażla, ix-xiri, l-użu u l-manutenzjoni ta' *software* u apparat;

ġ) Timmaniġġja t-tqassim ta' l-operat tas-sistemi, *backup, storage* u *retrieval;*

ħ) Tiġġenera rapporti skond kif meħtieġ u tgħin fit-taħriġ tas-*Systems Administrators* u l-impjiegati li jużaw is-sistemi;

i) Tiżviluppa, tħaddem u tittestja pjanijiet dwar *disaster recovery*.

5.1. L-applikanti għandhom:

a. ikunu ċittadini ta' Malta;

b. ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw il-formola GP 47 - *Service and Leave Record,* applikanti oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija sa mhux aktar minn sitt xhur qabel id-data ta' din is-sejħa ta' dawn l-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu qatt kinux impjegati tal-Gvern, u jagħtu dettalji);

ċ. ikollhom Baċellerat fix-Xjenza *(Honours)* fl-*Information Technology* jew ekwivalenti; u

minimu ta' sentejn esperjenza ppruvata f'ambjent ta' teknoloġija u sistemi ta' informazzjoni;

JEW

minimu ta' ħames snin esperjenza ppruvata fl-immaniġġjar ta' sistema kbira ta' l-informatika.

5.2. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li jkunu:

i) jafu l-UNIX u preferibbilment pjattaformi bħal *Microsoft NT, Microsoft IIS (Internet Information Server), Microsoft .NET, SQL Server* u *Linux;*

ii) jafu *database tools,* partikolarment *Informix;*

iii) familjari ma' servizzi ta' ħarsien soċjali.

6. Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tattendi għal taħriġ f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

b) Recommending and developing plans for systems development and operations, hardware and software purchases, and staffing levels;

c) Managing the development, implementation, installation, and operation of information and functional systems within the Ministry;

d) Developing, implementing, and monitoring management information systems policies and controls to ensure data accuracy, security, and legal and regulatory compliance;

e) Negotiating with consultants, technical personnel, and vendors for the provision of services and products;

f) Providing support to end users in the selection, procurement, usage, and maintenance of software programs and hardware;

g) Managing computer operation scheduling, backup, storage, and retrieval functions;

h) Generating management reports as needed and assisting in the training of systems administrators and end-users;

i) Developing, maintaining, and testing disaster recovery plans.

5.1. Applicants must:

a. be citizens of Malta;

b. be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47). Those applying from outside must produce a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have been in Government service, giving details);

c. be in possession of a Bachelor of Science (Honours) degree in Information Technology or equivalent; and

have a minimum of two years proven work-experience in an IT/IS environment;

OR

possess a minimum of five years proven work-experience in the management of large scale Information Systems.

5.2. Due consideration will be given to candidates who have:

i) knowledge of UNIX and preferably Microsoft NT, Microsoft IIS (Internet Information Server), Microsoft .NET, SQL Server, and Linux platforms;

ii) knowledge of database tools, particularly Informix;

iii) a good understanding of Social Welfare services.

6. The selected applicant may be required to undertake training both in Malta and abroad.

7. L-ingaġġ ikun ibbażat fuq ġimgħa ta' 40 siegħa xogħol. Il-persuna magħżula tkun mistennija li, skond l-esiġenzi tax-xogħol, taħdem numru itwal ta' sigħat u barra l-ħinijiet normali tax-xogħol.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal din il-pożizzjoni.

10. Il-persuna magħżula jkollha toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp

http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Ministeru għall-Politika Soċjali, Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika, Valletta.

12. Applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* li juri l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Politika Soċjali, Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika, Valletta sa mhux aktar tard minn nofs in-nhar tal-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju 2003.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew messaġġ simili ieħor sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur Servizzi Korporattivi fil-Ministeru għall-Politika Soċjali mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Direttur Servizzi Korporattivi fil-Ministeru għall-Politika Soċjali hu (00356)-21232437.

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal fl-Uffiċċju tad-Direttur Servizzi Korporattivi.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur Servizzi Korporattivi jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-3 ta' Ġunju, 2003

7. The candidate will generally be expected to work on a 40-hour week basis, although exigencies of the position may require working additional or irregular hours.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals should be presented for verification at the interview).

9. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp

http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

or obtained from the Personnel Section, Ministry for Social Policy, Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika, Valletta.

12. Applications, together with a detailed curriculum vitae showing qualifications and experience will be received in the first instance by the Director Corporate Services, Ministry for Social Policy, Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika, Valletta, by not later than noon of Friday, 27th June 2003.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application form duly signed by the applicant must reach the Director Corporate Services, Ministry for Social Policy, Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika, Valletta, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Ministry is (00356) 21232437.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry for Social Policy and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry for Social Policy, within seven (7) days.

3rd June, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ b'Kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' Uffiċjal għat-Tħaris tas-Sajd fid-Diviżjoni għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' Uffiċjal għat-Tħaris tas-Sajd fid-Diviżjoni għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

2.1. Il-persuni magħżula jkunu mistennija li jidħlu f'kuntratt ta' tliet snin bħala Uffiċjali għat-Tħaris tas-Sajd, bħala membri tal-Grupp għat-Tħaris tas-Sajd fid-Diviżjoni għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Dawn il-kuntratti jistgħu jiġġeddu għal perjodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala Uffiċjal għat-Tħaris tas-Sajd matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku, is-servizz tagħha mal-Ministeru għall- Affarijiet Rurali u l-Ambjent kif ukoll mal-Gvern jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, u matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 12, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-doveri tagħha ta' Uffiċjal għat-Tħaris tas-Sajd u tkun trasferita għad-doveri relatati mal-grad il-ġdid tagħha.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa Lm5,557 fis-sena (massimu ta' Skala ta' Salarju 12). F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4.1. L-għanijiet u d-dmirijiet ewlenin ta' persuna fil-pożizzjoni ta' Uffiċjal għat-Tħaris tas-Sajd huma:-

(a) l-infurzar ta' l-Att ta' l-2001 dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd u l-leġislazzjonijiet u r-regolamenti kollha relatati u segwenti. (Il-leġislazzjoni relattiva li turi l-poteri ġenerali ta' Uffiċjal għat-Tħaris tas-

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Fisheries Protection Officer in the Fisheries Conservation and Control Division, Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Public Service Commission invites applications for the filling of the positions of Fisheries Protection Officer at the Fisheries Conservation and Control Division in the Ministry for Rural Affairs and the Environment.

2.1. The selected candidates will be expected to enter into a three-year contract as Fisheries Protection Officers, as members of the Fisheries Protection Group in the Fisheries Conservation and Control Division in the Ministry for Rural Affairs and the Environment. These contracts may be renewed thereafter for periods of three years, subject to satisfactory performance and results. Unsatisfactory performance as Fisheries Protection Officer during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. If the selected candidate is not a Public Officer, his/her service with the Ministry for Rural Affairs and the Environment as well as with Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer, and is appointed during the contract period to a grade with a higher Salary Scale than Scale 12, he/she will be required to relinquish his/her duties as Fisheries Protection Officer and be transferred to duties pertinent to his/her new grade.

3. The Salary attached to the position of Fisheries Protection Officer is Lm5,557 per annum (maximum of scale 12). In the case that the selected applicant is a Public Officer, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4.1. The main objectives and duties of a Fisheries Protection Officer are the following:-

(a) enforcing the Fisheries Conservation and Management Act, 2001 (Act No. II of 2001) and all related or subsequent legislation and regulations. (The relative legislation delineating the general powers of Fisheries Protection Officers to

Sajd biex jiżgura dan l-infurzar tista' tinkiseb mid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi (Taqsima ta' l-Impjegati), Ministeru għal Affarijiet Rurali u Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

(b) spezzjonijiet neċessarji fi swieq tal-ħut, f'portijiet u fuq il-baħar. L-ispezzjonijiet jistgħu jkunu ffokati fuq iż-żoni tas-sajd, fuq il-qbid, fuq il-bastimenti tas-sajd infushom, jew fuq l-irkaptu;

(ċ) fil-każ ta' *offshore patrols* tosserva u tirraporta fuq l-operazzjoni tas-sajda, bl-assistenza fejn neċessarja, tal-Forzi Armati ta' Malta, u tieħu l-azzjoni legali neċessarja;

(d) li tattendi korsijiet ta' taħriġ, konferenzi, *seminars, workshops,* eċċ, kemm lokalment u kif ukoll barra minn Malta, biex iżżomm ruħha aġġornata u infurmata sewwa fuq il-leġislazzjonijiet u fuq il-ftehim internazzjonali kollha li jaffettwaw l-industrija tas-sajd Maltija, kif ukoll fuq żviluppi teknoloġiċi u żżid l-għarfien tagħha fuq snajja' ġodda fil-*management,* partikolarment fil-finanzi, fl-immaniġġjar tar-riżorsi umani, fil-komunikazzjoni u fit-teknoloġija ta' l-informatika;

(e) konsultazzjoni regolari mas-sajjieda u oħrajn li għandhom x'jaqsmu ma' l-industrija tas-sajd Maltija (a) biex tifhem aħjar dak li jikkonċernahom u l-problemi li jiffaċċjaw; (b) biex tagħti pariri fuq l-aħjar sistemi u prattika u fuq il-ħtiġiet leġislattivi u regolatorji li jiggvernaw l-industrija; u (ċ) biex tistabbilixxi relazzjonijiet tax-xogħol tajbin u vantaġġjużi għal kull min hu involut;

(f) dmirijiet oħrajn li għandhom x'jaqsmu ma' dawn il-pożizzjonijiet skond il-ħtieġa tad-Diviżjoni.

4.2. Lista kompluta tad-dmirijiet li huma konnessi ma' din il-pożizzjoni tista' tinkiseb mill-Uffiċċju tad-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent (Taqsima ta' l-Impjegati), 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

5.1. L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċittadini Maltin;

(b) i) ikollhom il-*Higher National Diploma in Fisheries Sciences;* jew

ii) ikunu Uffiċjali Pubbliċi fil-grad ta' Uffiċjal tas-Sajd b'ħames (5) snin esperjenza fil-grad;

ensure this enforcement can be viewed at the Department of Corporate Services (Personnel Section), Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, MA Vassalli Street, Valletta);

(b) conducting inspections, as appropriate, at fish markets, harbours and at sea. The inspections may focus on fishing grounds, catches, the fishing vessels themselves, or fishing equipment;

(c) in the case of offshore patrols, observing and reporting on fishing operations at first hand, with the assistance, where necessary, of the Armed Forces of Malta, and taking any legal action that may be necessary;

(d) attending training courses, conferences, seminars, workshops etc, both locally and abroad, in order to keep himself/herself well informed and up-to-date on all legislation and all international agreements affecting the Maltese Fisheries Industry, on technical developments and to acquire and increase awareness of new management skills, particularly in the areas of finance, human resources management, communications and information technology;

(e) consulting regularly with fishermen and others engaged in the Maltese Fisheries Industry (a) to gain a better understanding of their concerns and the problems they face; (b) to provide advice and guidance on best practice and on the legislative and regulatory requirements governing the Industry; and (c) to establish good and mutually advantageous working relationships;

(f) any other duties relevant to the position as may be deemed necessary by the Division.

4.2. A full position description appertaining to this position can be obtained from the Director of Corporate Services (Personnel Section), Ministry for Rural Affairs and the Environment, (Personnel Section), 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

5.1. Applicants must:-

(a) be citizens of Malta;

(b) i) be in possession of a Higher National Diploma in Fisheries Sciences; or

ii) public officers in the grade of Fisheries Officer with five years service in the grade;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw il-formola (*GP 47) Service and Leave Record Form;* applikanti oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa ta' dawn l-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern, u jagħtu dettalji);

(d) ikunu kapaċi jgħumu u jaħdmu fuq il-baħar.

5.2. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk il-kandidati li juru:-

(a) sengħa ta' komunikazzjoni tajba ħafna, kemm bil-kitba kif ukoll mitkellma u kapaċità tajba fil-lingwa Ingliża;

(b) livell għoli ta' integrità personali;

(ċ) ġudizzju tajjeb u l-abbiltà li jieħdu deċiżjonijiet tajbin u malajr;

(d) livell għoli ta' kapaċitajiet kemm fil-komunikazzjoni inter-personali u orali, flimkien ma' kunfidenza u determinazzjoni biex jinforzaw il-liġi u li jikkonfrontaw u jaġixxu b'mod sod u ġust ma' mġiba li tmur kontra l-liġi; u

(e) l-abbiltà li jiktbu rapporti, *statements* u *data sets* konċiżi u ċari.

6.1. Kandidati li jkollhom żewġ suġġetti fil-Livell Avvanzat, li wieħed minnhom irid ikun suġġett tax-xjenza, jistgħu japplikaw ukoll.

6.2. Persuna li tintgħażel skond paragrafu 6.1 tiġi ingaġġata bħala Uffiċjal għat-Tħaris tas-Sajd *Trainee,* u tirċievi salarju ta' Lm4,923 (massimu ta' Skala ta' Salarju 14) sakemm iġġib il-kwalifika tal-*Higher National Diploma in Fisheries Sciences (HND)* jew in-numru ta' snin esperjenza rekwiżiti.

6.3. L-applikanti taħt paragrafu 5.1(b) jingħataw preferenza fuq applikanti taħt paragrafu 6.1.

7. Il-persuni magħżulin jistgħu jkunu meħtieġa li jagħmlu taħriġ kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

8. Din il-pożizzjoni hija *full-time*. L-ingaġġ ikun ibbażat fuq ġimgħa ta' erbgħin siegħa xogħol. L-esiġenzi tax-xogħol jitolbu li l-persuni magħżulin jaħdmu f'ħinijiet irregolari, inkluż tmiem il-ġimgħa u btajjel pubbliċi u x-xogħol jista' jiġi ppjanat fuq bazi ta' *roster*. Fil-każ ta' *offshore patrols,* il-persuni magħżulin iridu jqattgħu perjodi twal fuq il-baħar, u jistgħu jiġu involuti f'titjiriet ta' sorveljanza.

(c) be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details);

(d) be able to swim and to be capable of working at sea.

5.2. Due consideration will be given to candidates who have:-

a) very good communication skills, both written and spoken, and a good command of the English language;

b) a high standard of personal integrity;

c) good judgement and the ability to make sound decisions quickly;

d) a high level of inter-personal and oral communication skills, together with the determination and confidence to enforce the law and to confront and deal with unlawful behaviour firmly and fairly; and

e) the ability to produce clear and concise reports, statements and data sets.

6.1. Eligibility is also extended to persons in possession of two "A" levels, one of which must be a science subject;

6.2. If an applicant is selected in terms of paragraph 6.1 above, he/she will be engaged as Trainee Fisheries Protection Officer and will receive a salary of Lm4,923 (maximum of Salary Scale 14) until such time as he/she obtains the HND or the requested experience.

6.3. Applicants under paragraph 5.1(b) will be given preference over applicants under paragraph 6.1.

7. The selected applicants may be required to undertake training both in Malta and abroad.

8. This is a full-time position. Given the nature of the job, the selected applicant will be required to work abnormal hours including at weekends and on public holidays, and work may be planned on a roster basis. In the case of "offshore patrols", the selected applicant will be required to spend lengthy periods at sea, and he/she may also be involved in flight surveillance.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10. 1. Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal dawn il-pożizzjonijiet.

10.2. Persuni li jkunu eliġibbli skond paragrafu 6.1 ikollhom joqogħdu wkoll għal *test* prattiku.

11. Il-persuni magħżulin ikunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi żgurat li huma adatti għal dawn il-pożizzjonijiet.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent (Taqsima ta' l-Impjegati), 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta sa mhux aktar tard min-nofsinhar tal-Ġimgħa, is-27 ta' Ġunju, 2003.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għal Affarijiet Rurali u Ambjent mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* huwa (+356 21 231 805).

15. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għal kull applikazzjoni li titwassal;

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat rċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għal Affarijiet Rurali u Ambjent.

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals should be presented for verification at the interview).

10.1. Eligible applicants will be submitted to an interview by a Selection Board to assess their suitability for the position.

10.2. Persons who are eligible in terms of paragraph 6.1 will also be submitted to a practical test.

11. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

or obtained from the Personnel Section, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

13. Applications, together with a curriculum vitae showing qualifications and experience will be received in the first instance by the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, (Personnel Section), 14, Triq M.A.Vassalli, Valletta, by not later than noon of Friday, 27th June, 2003.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application form duly signed by the applicant must reach the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, (Personnel Section), 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Ministry is (+356 21 231 805).

15. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment within seven (7) days.

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' Tekniku Eżekuttiv ta' l-*Internet* fl-*Information Management Unit* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Tekniku Eżekuttiv ta' l-*Internet* fl-*Information Management Unit* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali.

2.1 Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt definit ta' tliet snin bħala Tekniku Eżekuttiv ta' l-*Internet* fl-*Information Management Unit* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perijodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultat mhux sodisfaċenti bħala Tekniku Eżekuttiv ta' l-*Internet* matul il-perijodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perijodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku, is-servizz tagħha mal-Ministeru għall-Politika Soċjali kif ukoll mal-Gvern jintemm f'każ li l-kuntratt ma jiġix imġedded jew jintemm.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, u matul il-perijodu tal-kuntratt tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn Skala 7, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-dmirijiet ta' Tekniku Eżekuttiv ta' l-*Internet* u li tkun trasferita għad-dmirijiet relatati mal-grad il-ġdid tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 7 permezz ta' *progression,* il-persuna titħalla tkompli l-perijodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni *Internet Technical Executive (IMU)* se jkun ekwivalenti għall-massimu ta' salarju fi Skala 7 tas-Servizz Pubbliku li fl-2003 hu Lm7,652. Il-persuna maħtura tkun intitolata għal *performance bonus* sa massimu ta' 10%. F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. L-oġġettivi prinċipali u r-responsabbiltajiet marbuta ma' din il-pożizzjoni huma:-

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Internet Technical Executive in the Information Management Unit in the Ministry for Social Policy

The Public Service Commission invites applications for the position of Internet Technical Executive in the Information Management Unit in the Ministry for Social Policy.

2.1. The selected candidate will be expected to enter into a three-year contract as Internet Technical Executive in the Information Management Unit within the Ministry for Social Policy which may be renewed thereafter for periods of three years subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Internet Technical Executive (IMU) during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer, his/her service with the Ministry for Social Policy as well as with Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer, and is, during the contract period, appointed to a grade with a salary scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish his/her duties of Internet Technical Executive (IMU) and to be transferred to duties pertinent to his/her new grade. Moreover, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but he/she will not be offered subsequent renewal of the contract.

3. The salary attached to the position of Internet Technical Executive (IMU) is equivalent to the maximum of Salary Scale 7 (currently Lm7,652 per annum). The selected candidate will be entitled to a performance bonus up to a maximum of 10% of his/her salary subject to positive performance. In the case that the selected applicant is a public officer, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. The main objectives, and duties related to this position are the following:-

a) L-immaniġġjar ta' l-iżvilupp, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni tas-sistemi operattivi bbażati fuq l-*Internet* fi ħdan il-Ministeru;

b) L-iżvilupp ta' l-arkitettura teknika tal-*web-sites* (jinkludi *intranets)* inkluż l-i*scripting,* id-disinn tad-*database* u d-disinn tal-*user interface;*

ċ) L-ippjanar u l-implimentazzjoni tat-tibdil neċessarju fis-sistemi eżistenti ħalli titkabbar l-effiċjenza ta' l-operat intern;

d) L-iżvilupp ta' l-applikazzjonijiet integrattivi bl-użu tat-teknoloġija ta' l-*internet;*

e) L-analiżi, l-iżvilupp, l-iddisinjar u l-konverżjoni tal-kontenut fi ħdan is-sistemi bbażati bl-internet;

f) Assitenza għall-ħolqien ta' *links* li jgħaqqdu l-*internet* ma' sistemi oħra ta' *databases;*

g) Sorveljanza u l-għoti ta' rakkomandazzjonijiet dwar bidliet biex tiġi żgurata l-kapaċità teknika u l-ippjanar ta' sigurtà f'każijiet ta' diżastru;

h) L-analiżi tat-traffiku li jkun għaddej minn fuq il-*websites* u l-*intranets* u l-oġħti ta' rakkomandazzjonijiet dwar it-tibdil neċessarju fl-ipprogrammar;

i) Il-provvediment tas-support tekniku u parteċipazzjoni fit-taħriġ ta' l-użu tas-sistemi ta' l-*internet* għall-impjegati;

j) Tmexxija tal-*Web Services Steering Committee* u mmaniġġjar ta' l-*eCommunications Focal Points* fid-dipartimenti u l-entitajiet rispettivi fi ħdan il-Ministeru għall-Politka Soċjali.

5.1. L-applikanti għandhom:-

(a) Ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) Ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw il-formola (GP 47) *Service and Leave Record.* Applikanti oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija sa mhux aktar minn sitt xhur qabel id-data ta' din is-sejħa ta' dawn l-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu qatt kinux impjegati tal-Gvern u jagħtu dettalji).

(ċ) Ikollhom *Degree* fix-Xjenza tal-Kompjuter jew kwalifiċ i ekwivalenti minn istitut ta' tagħlim rikonoxxut

JEW

Minimu ta' tliet snin esperjenza f'ambjent ta' żvilupp ta' l-*internet.*

(d) Konoxxenza ta' l-użu ta' aktar minn waħda minn dawn l-i*scripting languages* - HTML, DHTML, XML, VoiceXML, JavaScript, J2EE, JAVA, ASP, VB u VB Script.

5.2. Tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li:-

a) Managing the overall design, installation and maintenance of the Internet operations for the Ministry;

b) Developing technical architecture of Ministry web-sites (including intranets) including scripting, database design, and user interface design;

c) Planning and implementing changes to existing systems to enhance efficiency levels in internal operations;

d) Performing hands-on, web-based application deployment, integration, prototyping and development;

e) Performing hands-on, web-based content analysis, design, development and conversions;

f) Assisting in linking web-based systems to database systems;

g) Monitoring and recommending improvements in capacity planning and disaster recovery planning;

h) Analysing traffic on enterprise websites and intranets and recommending any necessary programming changes;

i) Providing technical support and participating in employee Internet Systems training;

j) Leading the Web-Services Steering Committee and managing content through the eCommunications Focal Points in line departments and public sector agencies within the Ministry for Social Policy.

5.1. Applicants must:-

(a) Be citizens of Malta;

(b) Be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47). Those applying from outside must produce a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have been in Government service, giving details);

(c) be in possession of a degree in Computing or an equivalent qualification from a recognised institute of higher learning;

OR

Have a minimum of three years work experience in an internet development environment.

(d) Possess hands-on knowledge in more than one of the following scripting languages: HTML, DHTML, XML, VoiceXML, JavaScript, J2EE, JAVA, ASP, and VB Script, VB;

5.2. Due consideration will be given to candidates who have:-

i) Ikunu jifhmu sewwa dwar servizzi ta' ħarsien soċjali;

ii) Ikunu familjari ma' sistemi kompjuterizzati ta' ħarsien soċjali.

6. Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tattendi għal taħriġ kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

7. L-ingaġġ ikun ibbażat fuq ġimgħa ta' 40 siegħa xogħol. Il-persuna magħżula tkun mistennija li, skond l-esiġenzi tax-xogħol, taħdem numru itwal ta' sigħat u barra l-ħinijiet normali tax-xogħol.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista)

9. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal din il-pożizzjoni.

10. Il-persuna magħżula jkollha toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija addatta għal din il-pożizzjoni.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:-*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Ministeru għall-Politika Soċjali, Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika, Valletta.

12. Applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* li juri l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Politika Soċ jali, Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika, Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Ġunju 2003.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew messaġġ simili ieħor sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur Servizzi Korporattivi fil-Ministeru għall-Politika Soċjali mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Direttur Servizzi Korporattivi fil-Ministeru għall-Politika Soċjali hu 00356 - 21 232 437).

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal fl-Uffiċċju tad-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Politika Soċjali.

i) Have a good understanding of Social Welfare services;

ii) Are familiar with Social Welfare Information Systems;

6. The selected applicant may be required to undertake training both in Malta and abroad.

7. The candidate will generally be expected to work on a 40-hour week basis, although exigencies of the position may require working additional or irregular hours.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals should be presented for verification at the interview).

9. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

or obtained from the Personnel Section, Ministry for Social Policy, Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika, Valletta.

12. Applications, together with a detailed curriculum vitae showing qualifications and experience will be received in the first instance by the Director Corporate Services, Ministry for Social Policy, Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika, Valletta, by not later than noon of Friday, 27th June, 2003.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application form duly signed by the applicant must reach the Director Corporate Services, Ministry for Social Policy, Palazzo Ferreria, Republic Street, Valletta, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Ministry is (00356) 21 232 437.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry for Social Policy and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur Servizzi Korporattivi fil-Ministeru għall-Politka Soċjali jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-3 ta' Ġunju, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' Uffiċjal Mediku Prinċipali *(Primary Health Care Services)* fil-Qasam Amministrattiv fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti għall-post ta' Uffiċjal Mediku Prinċipali (*Primary Health Care Services)* fil-Qasam Amministrattiv fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' Uffiċjal Mediku Prinċipali għandu salarju ta' Lm7,148 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' Lm275 sa Lm8,798.

2.1. Is-sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3. Il-ħatra li tkun bi prova għal sena, hija *full time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

4. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obligazzjonijiet li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

5. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm il-darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

6. Il- persuna fil-grad ta' Uffiċjal Mediku Prinċipali (*Primary Health Care Services*) fil-Qasam Amministrattiv tkun taqa' direttament taħt id-Direttur tal-*Primary Health Care Services*.

Id-dmirijiet tal-persuna fil-grad ta' Uffiċjal Mediku Prinċipali (*Primary Health Care Services*) fil-Qasam Amministrattiv jinkludu:

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry for Social Policy, within seven (7) days.

3rd June, 2003

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Principal Medical Officer (Primary Health Care Services) in the Administrative Stream in the Health Division

The Public Service Commission invites applications from duly qualified medical practitioners for the post of Principal Medical Officer (Primary Health Care Services) in the Administrative Stream in the Division of Health.

2. The post of Principal Medical Officer carries a salary of Lm7,148 per annum rising by annual increments of Lm275 up to a maximum of Lm8,798.

2.1. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) hours per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any agreement between the Government and the competent Union.

5. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:-

a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

6. The Principal Medical Officer (Primary Health Care Services) in the Administrative Stream will be directly accountable to the Director of Primary Health Care Services.

The duties of a Principal Medical Officer (Primary Health Care Services) in the Administrative Stream include:-

(a) tagħti sehemha fit-tmexxija kollettiva tad-Diviżjoni u tieħu parti kbira fit-tħejjija tal-*budget* tad-Dipartiment;

(b) timplimenta l-*policies* li jkunu ġew deċiżi mid-Dipartiment u ssegwi l-effetti ta' dawn il-*policies*;

(c) tissorvelja u ssegwi l-provvediment ta' kura li tkun qed tingħata lill-pazjenti li jattendu l-postijiet fejn jingħata s-servizz fid-Dipartiment biex tassigura livell ogħli ta' kura;

(d) ssegwi u tassigura li l-istatistika meħtieġa qed tinġabar kif stabbilit mid-Dipartiment u tipprepara rapporti dwar dan kif ikun mitlub mid-Direttur;

(e) torganizza l-provvediment tas-servizzi varji li jiġu offruti mit-taqsimiet diversi tad-Dipartiment;

(f) tikkonsulta mal-kapijiet tat-taqsimiet relevanti biex tassigura t-tmexxija xierqa tas-servizz;

(ġ) tapprova l-*vacation leave* u ssegwi s-*sick leave*;

(ħ) tassigura li jkun hemm n-numru xieraq ta' impjegati għat-tmexxija effiċjenti tas-servizzi offruti mid-Dipartiment;

(i) tassigura l-użu xieraq tar-riżorsi mogħtija lilha;

(j) tissorvelja u tagħti kunsill lit-tobba li jaħdmu fid-Dipartiment bil-għan li tippromovi servizz aktar effiċjenti u aktar effettiv;

(k) iżżomm id-dixxiplina u tibda azzjoni dixxiplinarja fejn ikun meħtieġ;

(l) turi inizjattiva u tgħin fir-riċerka fil-qasam tal-kura tas-saħħa primarja;

(m) risponabbli għat-taħriġ ta' studenti tal-mediċina li jkunu allokati fid-Diviżjoni mill-Università u tikkonsulta ma' istituzzjonijiet oħra biex tipprovdi żvilupp professjonali kontinwu għat-tobba li jaħdmu fid-Dipartiment;

(n) tirrappreżenta lid-Direttur fuq Bordijiet u kumitati inkluż t-tmexxija ta' dawn il-Bordijiet u l-kumitati kif ikun jinħtieġ u tinforma lid-Direttur fl-iżviluppi importanti li jkunu qamu waqt dawn id-diskussjonijiet;

(o) tagħmel xi xogħol ieħor li għandu x'jaqsam mal-*Primary Health Care* kif tkun imqabbda mid-Direttur minn żmien għal żmien skond l-esiġenzi tas-servizz.

7. L-applikanti għandhom:-

(a) contributing to the collective management of the Department of Primary Health Care Services and playing a major role in the preparation of the Departmental budget;

(b) implementing the policies decided by the Department and monitoring the efficacy and effectiveness of such policies;

(c) supervising and monitoring the provision of care for patients attending the various service points within the Division to ensure a high standard of care;

(d) monitoring and ensuring the appropriate collection of statistics as determined by the Department and preparing reports as requested by the Director;

(e) organising the provision of the various services offered by the different branches of the Department;

(f) liaising with the relevant Heads of Branches to ensure smooth running of the service;

(g) approving vacation leave and monitoring sick leave;

(h) ensuring the availability of adequate staff for the efficient running of the services offered by the Division;

(i) ensuring the proper use of resources assigned to him/her;

(j) supervising and counselling medical officers working within the Department with the aim of promoting a more efficient and effective service;

(k) maintaining discipline and initiating disciplinary action where indicated;

(l) showing initiatives and supporting research in the primary health care field;

(m) responsibility for the training of medical students allocated to the Department by the University and liaising with other institutions to provide continuing professional development for the medical officers working within the Department;

(n) representing the Director on Boards and committees including chairing such Boards/Committees as assigned; and keeping the Director informed of important developments raised during the relative discussions;

(o) performing any other primary health care duties as may be assigned by the Director from time to time in the exigencies of the service.

7. Applicants must be:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(ċ) ikollhom kwalifika rikonoxxuta ta' wara l-gradwazzjoni fil-*Primary Health Care* (eż. MRCGP jew kwalifika ekwivalenti approvata) jew ikollhom mill-anqas għaxar snin esperjenza relevanti;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern, u jagħtu dettalji).

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/employment/forms.htm

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

12. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Ġunju, 2003.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356 21242884.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-3 ta' Ġunju, 2003

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(c) in possession of a recognised postgraduate qualification in Primary Health Care (e.g. MRCGP or an approved equivalent qualification) or have at least ten years relevant experience;

(d) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10. The applicant selected for appointment will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/employment/forms.htm

or obtained from the Personnel Section, Health Division, 15, Merchants Street, Valletta.

12. Applications will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 27th June, 2003.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 21242884.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

3rd June, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ b'kuntratt fil-Pożizzjoni ta' Uffiċjal Prinċipali ta' l-Akwakultura fid-Diviżjoni għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Uffiċjal Prinċipali ta' l-Akwakultura fid-Diviżjoni għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

2.1. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala Uffiċjal Prinċipali ta' l-Akwakultura fid-Diviżjoni għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Dan il-kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala Uffiċjal Prinċipali ta' l-Akwakultura matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku, is-servizz tagħha mal-Ministeru ghal Affarijiet Rurali u Ambjent kif ukoll mal-Gvern jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, u matul il-perjodu tal-kuntratt, jinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 7, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja dmirijietha u tkun trasferita għad-dmirijiet relatati mal-grad il-ġdid tagħha.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ta' Lm7,652 fis-sena (massimu ta' Skala 7). F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala non-pensionable allowance.

4.1. L-għanijiet u d-dmirijiet ewlenin ta' persuna fil-pożizzjoni ta' Uffiċjal Prinċipali ta' l-Akwakultura huma:-

(a) li tara li l-obbligi kollha ta' kontroll u moniteraġġ imniżżla fil-liġi u regolamenti relevanti qed jiġu obduti.

(b) assistenza lill-*Aquaculture Resource Manager* fil-preparazzjoni għall-kontribut li tagħti l-Fergħa tagħha għall-ippjanar strateġiku, finanzjarju u fuq budget.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Principal Aquaculture Officer at the Fisheries Conservation and Control Division in the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Public Service Commission invites applications for the position of Principal Aquaculture Officer at the Fisheries Conservation and Control Division in the Ministry for Rural Affairs and the Environment.

2.1. The selected candidate will be expected to enter into a three-year contract as Principal Aquaculture Officer, Fisheries Conservation and Control Division, in the Ministry for Rural Affairs and the Environment which may be renewed thereafter for periods of three years, subject to satisfactory performance and results. Unsatisfactory performance as Principal Aquaculture Officer during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. If the selected candidate is not a Public Officer, his/her service with the Ministry for Rural Affairs and the Environment as well as with Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer, and is appointed during the contract period to a grade with a higher Salary Scale than Scale 7, he/she will be required to relinquish his/her duties and be transferred to duties pertinent to his/her new grade.

3. The salary attached to the position of Principal Aquaculture Officer is Lm7,652 (maximum of Scale 7) per annum. In the case that the selected applicant is a Public Officer, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4.1. The main objectives and duties of a Principal Aquaculture Officer are the following:-

(a) discharging all monitoring and control obligations set out in relevant legislation and regulations.

(b) assisting the Aquaculture Resource Manager with strategic planning, business planning and budgeting.

(ċ) it-tmexxija tal-Fergħa ta' l-Akwakultura, u l-immaniġġjar tal-*performance* ta' dawk il-membri tal-Fergħa li jaħdmu direttament taħtha;

(d) immaniġġjar u parteċipazzjoni attiva:

(i) fit-trobbija ta' numru ta' speċi ġodda ta' ħut fuq bażi ta' *trials*,

(ii) fil-fażijiet kollha ta' trials ta' l-ikel biex jiġu studjati:

(a) l-impatt ta' l-ikel fuq is-sistema diġestiva ta' ħut li jkun jitrabba, u

(b) l-effetti ta' metodi differenti ta' kif titma' fuq il-kwalità tal-laħam tal-ħut, u

(iii) b'relazzjoni ma' l-iżvilupp tal-*broodstock* u l-istadji differenti tat-trobbija ta' l-ispeċi l-ġodda li jkun qed isir studju fuqhom;

(e) l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' sistemi speċjalizzati ta' filtrazzjoni biex jinġabru l-eskrementi tal-ħut biex tinbena l-analiżi diġestiva ta' l-ikel u l-evalwazzjoni ta' l-impatt fuq l-ambjent;

(f) li timmaniġġja, u permezz ta' parteċipazzjoni attiva, tassisti:-

(i) għall-ġbir ta' kampjuni ta' l-ilma minn livelli ta' fond differenti, sedimenti kif indikat fil-gwida operazzjonali ta' siti għat-trobbija tal-ħut u tassisti fil-preparazzjoni tar-rapporti tar-riżultati; u

(ii) fix-xogħlijiet fid-diversi tankijiet u fuq gaġeġ użati miċ-Ċentru Malti għax-Xjenzi tal-Ħut u f'siti oħra.

(ġ) li tirraporta fuq ir-riżultati u żżomm *records* ta' dawn l-attivitajiet tekniċi kollha fuq il-kompjuter;

(ħ) li tiġbed l-attenzjoni ta' l-*Aquaculture Resource Manager* dwar kull *issue*, problemi, jew xi ħtiġiet li ma ntlaħqux u tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet xierqa;

(i) dmirijiet oħra li għandhom x'jaqsmu ma' dawn il-pożizzjonijiet skond il-ħtieġa tad-Diviżjoni.

4.2. Lista kompleta tad-dmirijiet li huma konnessi ma' din il-pożizzjoni tista' tinkiseb mill-Uffiċċju tad-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, (Taqsima ta' l-Impjegati), 14, Triq M. A. Vassalli, Valletta.

(c) providing leadership to the Aquaculture Branch, and managing the performance of those members of the Branch working directly to him/her;

(d) managing, as necessary through active participation in:

(i) the culturing of a number of new fish species on a trial basis,

(ii) all phases of nutritional trials to study:

(a) the impact of feeds on the digestive tracts of cultured fish, and

(b) the effects of different feeding regimes on the quality of fish flesh, and

(iii) in relation to brood stock development, studies of the different larval stages of the new species;

(e) developing and maintaining specialised filtration systems to collect fish excreta for the compilation of digestive analysis of feeds and the evaluation of environmental impact;

(f)managing, as necessary through active participation in:-

(i) the collection of water samples at different levels of the water columns, sediments as indicated in the operational guides at aquaculture sites, and reporting on the results; and

(ii) the running of the various tanks and cages used at the Malta Centre for Fisheries Sciences and, as appropriate, at other sites.

(g) reporting on the results and maintaining computer records on all these "technical" activities;

(h) alerting the Aquaculture Resource Manager to any issues, problems, or unmet requirements that require his/her attention, and making appropriate recommendations;

(i)any other duties relevant to the position as may be deemed necessary by the Division.

4.2 A full position description appertaining to this position can be obtained from the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, (Personnel Section), 14, Triq M. A. Vassalli, Valletta.

5.1. L-applikanti għandhom;

(a) ikunu ċittadini Maltin:

(b) (i) ikollhom postgraduate degree fix-xjenzi naturali jew dixxiplini xjentifiċi oħra relatati: jew

ii) *first degree* fix-xjenzi naturali jew dixxiplini xjentifiċi oħra relatati u tliet snin esperjenza fl-akwakultura, inkluż fil-manutenzjoni ta' apparat relatat:

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb. (Applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw il-formola *(GP 47) Service and Leave Record Form*. Applikanti oħra għandhom jippreżentaw Ċertifiikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa ta' dawn l-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu qatt kinux impjegati tal-Gvern, u jagħtu dettalji):

5.2. Tingħata kunsiderazzjoni lil dawk il-kandidati li juru:

(a) kapaċità fil-komunikazzjoni eċċellenti, kemm mitkellma kif ukoll bil-kitba u kapaċità tajba fil-lingwa Ingliża;

(b) kapaċitajiet analitiċi qawwija;

(c) il-potenzjal li jilħqu konklużjonijiet sodi u independenti bbażati fuq metodoloġija affidabli ta' riċerka, u li jipproduċu rakkomandazzjonijiet innovattivi u soluzzjonijiet effettivi;

(d) ġudizzju eċċellenti u l-abbiltà li jpoġġu prijoritajiet u jieħdu deċiżjonijiet;

(e) kapaċitajiet eċċellenti biex jikkomunika bil-kitba;

(f) kapaċitajiet qawwija fl-immaniġjar tar-riżorsi u ta' leadership; u

(ġ) evidenza li fil-pożizzjonijiet li kienu jokkupaw qabel, kienu kapaċi jilħqu l-għanijiet u jġibu riżultati pożittivi.

6. Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tagħmel taħriġ kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

7. Din il-pożizzjoni hija *full-time*. L-ingaġġ ikun ibbażat fuq ġimgħa ta' erbgħin siegħa xogħol mifruxa fuq sebat (7) ijiem. L-esiġenzi tax-xogħol jitolbu li l-persuna magħżula tkun "on call" f'każ ta' emerġenzi. Ix-xogħol jista' jiġi ppjanat fuq bażi ta' roster.

5.1. Applicants must:-

(a) be citezens of Malta:

(b) (i) be in possession of a postgraduate degree in the natural sciences or other relevant scientific disciplines: or

(ii) a first degree in the natural sciences or other relevant scientific disciplines plus three (3) years experience in the field of acquaculture, including maintenance of related equipment:

(c) be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47): those applying from outside the Service must produce a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details):

5.2. Due consideration will be given to candidates who have:

(a) excellent communication skills, both written and spoken, and a good command of the English language;

(b) strong analytical skills;

(c) the ability to reach sound, reliable and independent conclusions based on reliable research methodology, and to produce innovative recommendations and effective solutions;

(d) excellent judgement and the ability to set priorities and make decisions;

(e) excellent drafting skills;

(f) resource management and leadership skills of a high order; and

(g) evidence of having been goal and achievement oriented in previous positions.

6. The selected applicant may be required to undertake training both in Malta and abroad.

7. This is a full-time position. Given the nature of the job, the selected applicant will be required to work a forty (40) hour week spread over seven (7) days. He/she will also be required to be 'on call' in case of emergencies. Work may also be planned on a roster basis.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9. Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun l-aktar adatt għal din il-pożizzjoni.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi żgurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-websites:-

http;//www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp

http;//www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

12. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, (Taqsima ta' l-Impjegati), 14, Triq M. A. Vassalli, Valletta sa mhux aktar tard min-nofsinhar tal-Ġimgħa, is-27 ta' Ġunju, 2003.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-fax jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-fax huwa (+356 2123 1805).

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għal kull applikazzjoni li titwassal.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat rċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għal Affarijiet Rurali u Ambjent.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications: originals should be presented for verification at the interview).

9. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he or she is fit for the position.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp

http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

or obtained from the Personnel Section, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

12. Applications, together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, (Personnel Section), 14 Triq M.A.Vassalli, Valletta, by not later than noon of Friday, 27th June, 2003.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application form duly signed by the applicant must reach the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, (Personnel Section), 14 M.A. Vassalli Street, Valletta, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Ministry is (+ 356 21231805).

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, within seven (7) days.

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ b'kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' Uffiċjal ta' l-Akwakultura Anzjan fid-Diviżjoni għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' Uffiċjal Anzjan ta' l-Akwakultura fid-Diviżjoni għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

2.1. Il-persuni magħżulin ikunu mistennija li jidħlu f'kuntratt ta' tliet snin bħala Uffiċjali Anzjani ta' l-Akwakultura fid-Diviżjoni għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd tal-Ministeru għal Affarijiet Rurali u Ambjent. Dawn il-kuntratti jistgħu jiġġeddu għal perjodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala Uffiċjali Anzjana ta' l-Akwakultura matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku, is-servizz tagħha mal-Ministeru għal Affarijiet Rurali u Ambjent kif ukoll mal-Gvern jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, u matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn skala 10, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja dmirijietha u tkun trasferita għad-dmirijiet relatati mal-grad il-ġdid tagħha.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni ta' Uffiċjal Anzjan ta' l-Akwakultura huwa ta' Lm6,285 (massimu ta' Skala ta' Salarju 10) fis-sena. F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċ jal Pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, tithallas bħala *non-pensionable allowance*.

4.1. L-għanijiet u d-dmirijiet ewlenin ta' persuna f'din il-pożizzjoni huma:-

(a) li fl-oqsma tar-responsabbiltà tagħha, tassigura l-implimentazzjoni effettiva tal-pjanijiet strateġiċi u finanzjarji tal-Fergħa li minnha tagħmel parti u fuq il-bażi ta' l-awtorità delegata lilha mill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Akwakultura, timmaniġġja l-funzjonijiet amministrattivi ta' kuljum fil-limiti approvati fil-*budgets*;

(b) li tagħti pariri u tassisti lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Akwakultura fuq l-iżvilupp ta' pjanijiet tax-xogħol, *stand-*

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Senior Aquaculture Officer at the Fisheries Conservation and Control Division in the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Public Service Commission invites applications for the positions of Senior Aquaculture Officer at the Fisheries Conservation and Control Division in the Ministry for Rural Affairs and the Environment.

2.1. The selected candidates will be expected to enter into a three-year contract as Senior Aquaculture Officers at the Fisheries Conservation and Control Division in the Ministry for Rural Affairs and the Environment which may be renewed thereafter for periods of three years, subject to satisfactory performance and results. Unsatisfactory performance as Senior Aquaculture Officer during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. If the selected candidate is not a Public Officer, his/her service with the Ministry for Rural Affairs and the Environment as well as with Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer, and is appointed during the contract period to a grade with a higher Salary Scale than Scale 10, he/she will be required to relinquish his/her duties and be transferred to duties pertinent to his/her new grade.

3. The salary attached to the position of Senior Aquaculture Officer is Lm6,285 per annum (maximum of Salary Scale 10). In the case that the selected applicant is a Public Officer, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4.1. The main objectives and duties of a Senior Aquaculture Officer are the following:-

(a) ensuring, within his/her area of responsibility, the effective implementation of his/her Branch's strategic and business plans and managing, on the basis of the authority delegated to him/her by the Principal Aquaculture Officer, the administrative day-to day functions of his/her area of responsibility within approved budgets;

(b) advising the Principal Aquaculture Officer on the development of work plans, standards, procedures, and related

ards, proċeduri, u affarijiet oħra relatati fuq l-allokazzjoni tax-xogħol bejn l-i*staff* tal-Fergħa li minnha tagħmel parti biex jassiguraw il-kwalità, il-kwantità, il-ħin u riżultati li jistgħu jitkejlu fir-relazzjoni ma' oġġettivi ppjanati;

matters, and on the allocation of work amongst the Branch's support staff to ensure quality, quantity, timeliness and measurable results in relation to planned objectives;

(ċ) li tipprovdi tmexxija lill-membri tal-Fergħa li jaħdmu direttament taħtha u timmaniġġja l-*performance* tagħha effettivament;

(c) providing leadership to those members of the Branch working directly to him/her, and managing their performance effectively;

(d) li tagħmel superviżjoni u taħdem fuq:

(d) supervising as necessary through active participation in:

(i) it-trobbija ta' numru ta' speċi ġodda ta' ħut fuq bażi ta' prova;

(i) the culturing of a number of new fish species on a trial basis;

(ii) il-fażijiet kollha ta' provi ta' l-ikel biex jiġi studjat l-impatt ta' l-ikel fuq is-sistema diġestiva ta' ħut li qed jitrabba, u l-effetti ta' metodi differenti ta' kif titma' fuq il-kwalità tal-laħam tal-ħut, u

(ii) all phases of nutritional trials to study the impact of feeds on the digestive tracts of cultured fish, and the effects of different feeding regimes on the quality of fish flesh, and

(iii) studji b'relazzjoni ma' l-iżvilupp tal-*broodstock* u l-istadji differenti tat-trobbija ta' l-ispeċi l-ġodda li jkun qed isir studju fuqhom;

(iii) in relation to brood stock development, studies of the different larval stages of the new species.

(e) li tassisti fl-iżvilupp u fil-manutenzjoni ta' sistemi speċjalizzati ta' filtrazzjoni biex jinġabar l-eskrementi tal-ħut biex tinbena l-analiżi diġestiva ta' l-ikel u l-evalwazzjoni ta' l-impatt fuq l-ambjent;

(e) assisting with the development and maintenance of specialised filtration systems to collect fish excreta for the compilation of digestive analysis of feeds and the evaluation of environmental impact;

(f) superviżjoni u xogħol fuq:

(f) Supervising as necessary through active participation in:

(i) il-gbir ta' kampjuni ta' l-ilma minn livelli ta' fond differenti, u s-sedimenti kif indikat fil-gwida operazzjonali ta' siti għat-trobbija tal-ħut, u

(i)the collection of water samples at different levels of the water columns, sediments as indicated in the operational guides at aquaculture sites, and

(ii) assistenza fil-preparazzjoni tar-rapporti tar-riżultati; u

(ii) assisting with the preparation of reports on the results; and

(iii) xogħlijiet fid-diversi tankijiet u fuq gaġeġ użati miċ-Ċentru Malti għax-Xjenzi tal-Ħut u f'siti oħra.

(iii) the running of the various tanks and cages used at the Malta Centre for Fisheries Sciences and, as appropriate, at other sites.

(g) assistenza fil-preparamenti tar-rapporti fuq ir-riżultati u żżomm *records* ta' dawn l-attivitajiet tekniċi kollha;

(g) assisting with the preparation of reports on the results and the maintenance of computer records on all these "technical" activities,

(h) tiġbed l-attenzjoni ta' l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Akwakultura dwar kull *issue*, problemi, jew xi ħtiġiet li ma ntlaħqux u tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet xierqa;

(h) alerting the Principal Aquaculture Officer to any issues, problems, or unmet requirements that require his/her attention, and making appropriate recommendations;

(i) dmirijiet oħra li għandhom x'jaqsmu ma' dawn il-pożizzjonijiet skond il-ħtieġa tad-Diviżjoni.

(i)any other duties relevant to the position as may be deemed necessary by the Division.

4.2 Lista kompleta tad-dmirijiet li huma konnessi ma' din il-pożizzjoni tista' tinkiseb mill-uffiċċju tad-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent (Taqsima ta' l-Impjegati), 14, Triq M. A. Vassalli, Valletta.

4.2 A full position description appertaining to this position can be obtained from the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, (Personnel Section), 14, M. A. Vassalli Street, Valletta.

5.1 L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċitttadini Maltin;

(b) (i) ikollhom *degree* universitarja fix-Xjenzi Naturali jew dixxiplini xjentifiċi oħra rilevanti;

jew

ii) tmien (8) snin esperjenza fl-akwakultura (ħames snin minnhom f'pożizzjoni ta' superviżjoni), inkluż fil-manutenzjoni ta' apparat relatat;

(c) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw il-formola (GP 47) *Service and Leave Record Form*. Applikanti oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa ta' dawn l-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu qatt kinux impjegati tal-Gvern u jagħtu dettalji);

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk il-kandidati li juru:

(a) kapaċitajiet ta' komunikazzjoni eċċellenti, kemm mitkellma kif ukoll bil-kitba u kapaċità tajba fil-lingwa Ingliża.

(b) kapaċitajiet analitiċi qawwija;

(ċ) il-potenzjal li jilħqu konklużjonijiet sodi u independenti bbażati fuq metodoloġiji affidabbli ta' riċerka, u li jipproduċu rakkommandazzjonijiet innovattivi u soluzzjonijiet effettivi;

(d) ġudizzju tajjeb u l-abbiltà li jagħmlu prijoritajiet u jieħdu deċiżjonijiet;

(e) kapaċitajiet tajbin biex jikkomunikaw bil-kitba;

(f) kapaċitajiet qawwija ta' superviżjoni u *leadership*;

(g) evidenza li fil-pożizzjonijiet li kienu jokkupaw qabel kienu kapaċi jġibu riżultati pożittivi ta' produzzjoni.

6. Il-persuni magħżulin jistgħu jkunu meħtieġa li jagħmlu taħriġ kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

7. Din il-pożizzjoni hija *full-time*. L-ingaġġ ikun ibbażat fuq ġimgħa ta' erbgħin siegħa xogħol mifruxa fuq sebat (7) ijiem. L-esiġenzi tax-xogħol jitolbu li l-persuni magħżulin jinħteġilhom ikunu *"on call"* f'każ ta' emerġenzi. Ix-xogħol jista' jiġi ppjanat fuq bażi ta' *roster*.

5.1 Applicants must:-

(a) be citizens of Malta;

(b) (i) be in possession of a University degree in the natural sciences or other relevant scientific disciplines;

or

(ii) have eight (8) years experience (five (5) of which must be in a supervisory position) in the field of aquaculture, including maintenance of related equipment;

(c) be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details);

5.2 Due consideration will be given to candidates who have:

a) excellent communication skills, both written and spoken, and a good command of the English language.

b) strong analytical skills;

c) the ability to reach sound, reliable and independent conclusions based on reliable research methodology, and to produce innovative recommendations and effective solutions;

d) sound judgement and the ability to set priorities and make decisions;

e) good drafting skills;

f) strong supervisory and leadership skills;

g) evidence of having been goal and achievement oriented in previous positions.

6. The selected applicants may be required to undertake training both in Malta and abroad.

7. This is a full-time position. Given the nature of the job, the selected applicant will be required to work a forty (40) hour week spread over seven (7) days. He/she will also be required to be 'on call' in case of emergencies. Work may also be planned on a roster basis.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti originali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9. Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun l-aktar adattati għal dawn il-pożizzjonijiet.

10. Il-persuni magħżulin jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi żgurat li huma adatti għal dawn il-pożizzjonijiet.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitnizzlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp

http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent (Taqsima ta' l-Impjegati), 14, Triq MA Vassalli, Valletta sa mhux aktar tard min-nofsinhar tal-Ġimgħa, is-27 ta' Ġunju, 2003.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq flimkien ma spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* huwa (+356 21231805).

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għal kull applikazzjoni li titwassal;

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

It-3 ta' Ġunju, 2003

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals should be presented for verification at the interview).

9. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

10. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp

http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

or obtained from the Personnel Section, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, M.A. Vassalli Street, Valletta.

12. Applications, together with a curriculum vitae showing qualifications and experience will be received in the first instance by the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, (Personnel Section), 14 M.A.Vassalli Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 27th June, 2003.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application form duly signed by the applicant must reach the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, (Personnel Section), 14 M.A. Vassalli Street, Valletta, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Ministry is (+ 356 21231805).

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment within seven (7) days.

3rd June, 2003

FORZI ARMATI TA' MALTA

Applikazzjonijiet għall-Ingaġġ ta' Suldati Apprendisti fis-Sengħa u Bandisti fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari)

B'riferenza għall-vakanzi msemmija hawn fuq ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17, 423 tat-30 ta' Mejju, 2003, ngħarrfu illi f'paragrafu 2 (b) id-data ta' l-għeluq għandha tkun l-20 ta' Ġunju, 2003.

It-3 ta' Ġunju, 2003

ARMED FORCES OF MALTA

Applications for Enlistment of Trainee Soldier Tradesmen and Bandsmen in the Armed Forces of Malta (Regular Force)

With reference to the above mentioned vacancies published in Government Gazette No. 17,423 of the 30th May, 2003, it is notified that in paragraph 2 (b) the closing date should read 20th June, 2003.

3rd June, 2003

KUNSILL LOKALI ATTARD

Laqgħa Pubblika Annwali

Skond l-artikolu 70 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993), se ssir laqgħa pubblika annwali nhar il-Ħamis, il-5 ta' Ġunju, 2003, fis-7.00 p.m. fis-Sala tal-Kunsill.

Ir-residenti huma mitluba jattendu.

It-3 ta' Ġunju, 2003

ATTARD LOCAL COUNCIL

Annual Public Meeting

In accordance with section 70 of the Local Councils Act (Act No. XV of 1993), an annual public meeting will be held on Thursday, 5th June 2003, at 7.00 p.m. at the Council's office.

Residents are invited to attend.

3rd June, 2003

KUNSILL LOKALI ATTARD

Il-Kunsill Lokali Attard jgħarraf illi Triq l-Imdina se tkun magħluqa għat-traffiku nhar is-Sibt, is-7 ta' Ġunju, 2003 mis-7.00 a.m. sa nofsinhar. Gwardjani se jkunu preżenti fuq il-post biex jidderieġu t-traffiku.

It-3 ta' Ġunju, 2003

ATTARD LOCAL COUNCIL

The Attard Local Council notifies that Triq l-Imdina is being closed for traffic on Saturday, 7th June, 2003 between 7.00 a.m. and noon. Wardens will be present on site to divert traffic.

3rd June, 2003

STAMPERIJA TAL-GVERN

Riżultat għall-Post ta' *Chief Printer* fl-Istamperija tal-Gvern

Id-Direttur, Stamperija tal-Gvern, jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat ta' l-Intervista għall-post imsemmi hawn fuq fin-*notice-board* prinċipali ta' l-Istamperija tal-Gvern, A29, Qasam Industrijali, il-Marsa, u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-3 ta' Ġunju, 2003

GOVERNMENT PRINTING PRESS

Result for the Post of Chief Printer at the Government Printing Press

The Director, Government Printing Press, notifies that the result of the Interview for the above-mentioned post may be viewed on the main notice-board at the Government Printing Press, A29, Industrial Estate, Marsa, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

3rd June, 2003

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, *Notre Dame Ravelin,* il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-5 ta' Ġunju, 2003, għal:

CT 107/2003. Provvista ta' *fusidic acid 2% cream* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 108/2003. Provvista ta' *syringes insulin 0.5cc* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 109/2003. Provvista ta' *cardiology guiding catheters* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 110/2003. Provvista ta' injezzjonijiet *doxapram 100mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 111/2003. Provvista ta' *recombinant human erythropoietin beta* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 112/2003. Provvista ta' pilloli *gliclazide 80mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 113/2003. Provvista ta' pilloli *prednisolone 5mg enteric-coated* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 114/2003. Provvista ta' *fixer/replenisher solution* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 115/2003. Provvista ta' *carbonic anhydrase inhibitor eye drops* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 116/2003. Provvista ta' *risperidone 1mg tablets* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 117/2003. Provvista ta' pilloli *pyridostigmine bromide 60mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 118/2003. Provvista ta' *recombinant human erythropoietin* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 119/2003. Xogħlijiet ta' kostruzzjoni, provvista u stallazzjoni ta' *passenger lifts* f'Blokki C2, D2 u E4 f'Ta' Xbiex u Blokk 5 Bieb 1, Triq ix-Xatt, il-Gżira - Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, il-Furjana, wara li jithallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 5th June, 2003, for:

CT 107/2003. Supply of fusidic acid 2% cream - Department of Health.

CT 108/2003. Supply of syringes insulin 0.5cc - Department of Health.

CT 109/2003. Supply of cardiology guiding catheters - Department of Health.

CT 110/2003. Supply of doxapram 100mg injections - Department of Health.

CT 111/2003. Supply of recombinant human erythropoietin beta - Department of Health.

CT 112/2003. Supply of gliclazide 80mg tablets - Department of Health.

CT 113/2003. Supply of prednisolone 5mg enteric-coated tablets - Department of Health.

CT 114/2003. Supply of fixer/replenisher solution - Department of Health.

CT 115/2003. Supply of carbonic anhydrase inhibitor eye drops - Department of Health.

CT 116/2003. Supply of risperidone 1mg tablets - Department of Health.

CT 117/2003. Supply of pyridostigmine bromide 60mg tablets - Department of Health.

CT 118/2003. Supply of recombinant human erythropoietin - Department of Health.

CT 119/2003. Construction works, supply and installation of passenger lifts at Blocks C2, D2 and E4 at Ta' Xbiex and Block 5 Door 1, Triq ix-Xatt, Gżira - Housing Authority. Tender documents may be collected from the Housing Authority, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana, against a fee of Lm20 for each copy of tender document.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-12 ta' Ġunju, 2003, għal:

CT 103/2003. Xogħlijiet ta' alterazzjoni u tkomplija fl-uffiċini ta' l-Awtorità ta' l-*Occupational Health and Safety* fi Triq Edgar Ferro kantuniera ma' Triq San Ġirgor, Tal-Pietà - Ministeru għall-Politika Soċjali. Id-dokumenti ta' l-offerta u sett komplut ta' pjanti jistgħu jinġabru mill-Awtorità ta' l-*Occupational Health and Safety,* 118/122, Triq Sant'Ursola, Valletta bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm100.

CT 121/2003. Rinovar tar-4 Sular f'277-279, Triq ir-Repubblika, Valletta – Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta. Il-pjanti relatati jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju taċ-*Chief Draughtsman,* Blokk A, Taqsima tax-Xogħlijiet, il-Furjana bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas id-dritt neċessarju ta' Lm5.

CT 122/2003. Bini ta' sulari addizzjonali fil-Librerija, Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija *Main Campus,* il-Kordin – Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST). Irid jitħallas dritt ta' Lm35 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-17 ta' Ġunju, 2003, għal:

CT 123/2003. Xogħlijiet ta' trinek fil-*Bypass* ta' l-Imtarfa, l-Imtarfa (Fażi B) – Direttorat tat-Toroq. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, id-19 ta' Ġunju, 2003, għal:

CT 124/2003. Provvista ta' pompi għal taħt l-ilma għall-*Waste Water Pumping Station* ta' Pembroke, Taqsima tax-Xogħlijiet. Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 125/2003. Provvista ta' *spare parts* għall-Flygt pumps lid-Dipartiment tad-Drenaġġ, Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 126/2003. Provvista u tqegħid ta' *paving metal trays* u *supporting frames* għall-Proġett ta' Pavimentar fl-Imdina, Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta. Il-pjanti relatati jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju taċ-*Chief Draughtsman*, Blokk A, Taqsima tax-Xogħlijiet, il-furjana, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt neċessarju ta' Lm2 għal kull kopja ta' pjanta.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 12th June, 2003, for:

CT 103/2003. Alteration works and finishes of offices for the Occupational Health and Safety Authority at Triq Edgar Ferro corner with Triq San Girgor, Pietà - Ministry for Social Policy. Tender documents and a full set of drawings may be collected from the Occupational Health and Safety Authority, 118/122, Triq Sant'Ursola, Valletta, between 8.00 a.m. and noon against a fee of Lm100.

CT 121/2003. Refurbishment of 4th Floor at 277-279, Triq ir-Repubblika, Valletta – Works Division. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document. The relative drawings can be collected from the Chief Draughtsman's Office, Block A, Works Division, Floriana between 8.00 a.m. and noon against the necessary payment of Lm5.

CT 122/2003. Construction of additional floors at the Library, Malta College of Arts, Science and Technology Main Campus, Corradino – Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST). A fee of Lm35 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 17th June, 2003, for:

CT 123/2003. Trenching works at Mtarfa Bypass, Mtarfa (Phase B) – Roads Directorate. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 19th June, 2003, for:

CT 124/2003. Supply of submersible pumps for the Pembroke Waste Water Pumping Station, Works Division. A fee of Lm15 will be charged for each copy of tender document.

CT 125/2003. Supply of spare parts for Flygt pumps to the Drainage Department, Works Division. A fee of Lm15 will be charged for each copy of tender document.

